MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru 179/2007

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)
Vs
Fayton Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 242688(M), akkuzat talli fil-11 ta’ Jannar 2007, f’hinijiet differenti f’dawn il-Gzejjer;

1. xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ telephone cellulari tal-marka Siemens gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuza fl-liema ammisjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuza hija dik ta' recittazzjoni koncernenti telefon cellulari li nsteraq minn vettura proprjetà ta' terzi.

In vista tal-ammissjoni volontarja u rrikondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9. Tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------